MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Rikors Numru. 1073/2002

Fl-atti tal-mandat fl-ismijiet:
S&D Yachts Company Limited
vs
Pegasus numru ufficjali 13033 ta' tul ta' 14.38m ta' 28 tunnellata ta' Bandiera Germaniza

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-Motor Yacht Pegasus u Peter Saluteen Maschersky bhala sid u bhala Kaptan ta' l-istess Motor Yacht Pegasus li ppremettew:

Illi permezz ta' rikors tat-12 ta' Settembru 2002, is-socjeta` S & D Yachts Company Limited talbet u dak in-nhar stess ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment numru 1873/02 kontra l-motor yacht Pegasus.

Illi minkejja dan, is-socjeta` intimata naqset li taghmel il-kawza in sostenn tal-pretensjonijiet taghha fiz-zmien li

tistabbilixxi l-ligi, u cioe` fit-terminu ta’ sitt ijiem mill-hrug tal-mandat a tenur ta’ l-artikolu 867 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi inoltre ta’ min jirrileva li s-socjeta` msemmija lanqas biss irtirat hi l-imsemmi mandat u ghalhekk kellhom ikunu l-Motor Yacht Pegasus u Peter Saluteen Maschersky bhala sid u bhala Kaptan ta’ l-istess Motor Yacht Pegasus li talbu l-hrug ta’ l-opportun kontro-mandat, naturalment a spejjez taghhom, liema kontro-mandat inhareg minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta’ Settembru 2002.

Illi l-premess jinkwadra ruhu f’dak previst mill-Ligi fl-artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u s-socjeta` intimata ghandha thallas penali, anke in vista ta’ gurisprudenza ricenti, fosthom Joseph Rapa vs Raymond Sammut (digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti wara r-rikors numru 1650/2000 GCD, konfermat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-13 ta’ Marzu 2001).

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti talbu lil din il- Qorti joghgobha, a tenur ta’ l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas direttament lill-Motor Yacht Pegasus u Peter Saluteen Maschersky bhala sid u bhala Kaptan ta’ l-istess Motor Yacht Pegasus penali ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata u b’riserva ghad-danni.

**RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta’ S&D Yachts Limited li eccepiet:

Illi fl-ewwel lok ir-rikors huwa irritu u null stante li l-procedura korretta hija permezz ta’ att ta’ citazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 836(9) tal-Kap 12.

Illi permezz ta’ rikors tat-12 ta’ Settembru 2002 is-socjeta’ S & D Yachts Company Limited talbet u otteniet il-hrug ta’ mandat ta’ impediment tat-tluq ta’ bastiment numru 1873/02 kontra l-motor Yacht Pegasus;

Illi a tenur ta’ l-artikolu 867 tal-Kap 12 hemm sitt ijiem (fit-test Ingliz ‘six working days’) wara l-prezentata tal-mandat ta’ impediment ta’ partenza sabiex tigi intavolata l-kawza u li ghalhekk iz-zmien moghti mil-ligi kellu jiskadi nhar l-20 ta’ Settembru 2002.

Illi minhabba qerq da parti tal-bastiment, li kontra tieghu s-socjeta` S & D Yachts Company Limited kellha u ghad ghandha pretensjoni fondata ghall-hlas, u fuq premessi foloz u ghal kollox infondati, fid-19 ta’ Settembru 2002, b’rikors numru 1922/02 il-kontro-parti talbet u ottjeniet kontro-mandat ghal dan il-mandat ta’ impediment ta’ partenza jum qabel ma kien jiskadi z-zmien li fih is-socjeta` setghet tharrek b’citazzjoni l-bastiment.

Illi l-agir inkonsult tal-kontro-parti kien intiz biss biex jeludi d-dritt tas-socjeta` li tipprezenta citazzjoni kontra l-bastiment u dan ukoll minkejja l-fatt li ghamlet l-almu taghha biex qabel ma tipprocedi kontrih u jsiru spejjez ulterjuri tinstab soluzzjoni bonarja.

Illi in vista tas-suespost l-argument tal-kontro-parti li s-socjeta` naqset milli tirtira hi stess l-mandat ta’ partenza huwa wiehed ghal kollox fallaci u mmirat biss biex jizvija lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex ma kien qatt il-kaz li s-socjeta` kellha l-hsieb jew l-obbligu illi tohrog kontro-mandat imma, ghal kuntrarju, kellha u kienet ghadha entro t-terminu biex tipprocedi kontra l-istess bastiment, kif effettivament ipprocediet.

Illi b’rizultat ta’ l-agir fuq imsemmi tal-kontro-parti gara li l-bastiment kien ser jipprova jsalpa minn Malta minnufih u b’hekk il-pretensjoni tal-S & D Yachts Company Limited tigi eluza inezorabilment. Illi bil-prezenti rikors S & D Yachts Company Limited ssottomettiet li ghal darba ohra l-kontro-parti qeghda tittanta timxi bl-istess agir abbuziv.

Illi ghandu jinghad illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri u qabel ma’ l-bastiment ipprezenta r-rikors in ezami S & D Yachts Company Limited pprezentat citazzjoni kontra l-istess bastiment (Citazzjoni Numru 1081/2002 GV) li tinsab

differita quddiem l-istess Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta. Dan kollu biex jintwera, jekk qatt kien hemm il-bzonn, kemm S & D Yachts Company Limited ma kellha l-ebda raguni biex hi stess twaqqa’ l-mandat ta’ partenza li hija ottjeniet kontra l-imsemmi bastiment.

Illi wara l-hrug tal-kontro-mandat da parti tal-kontro-parti l-S & D Yachts Company Limited safa’ kostrett li jitlob il-hrug ta’ mandat ta’ impediment ta’ partenza ghat-tieni darba sabiex ikun f’qaghda illi jikkawtela mill-gdid il-pretensjoni tieghu kif ukoll biex ikun jista’ jipprezenta azzjoni *in rem* kontra l-bastiment Pegasus. Illi fl-operat taghha S & D Yachts Company Limited dejjem fittxet li tipprocedi konfermement mal-ligi tal-procedura u kien biss minhabba l-agir vessatorju tal-kontro-parti illi wassal ghal bzonn li jinhareg mill-gdid mandat ta’ impediment. Illi fil-fatt din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, edotta bil-fatti suesposti ma sabet ebda diffikulta’ biex takkorda mill-gdid din it-talba lil S & D Yachts Company Limited.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost gie sottomess li a tenur ta’ l-artikolu 836 (9) tal-Kap 12, il-Qorti ma hix obbligata li timponi penali f’kull kaz izda hija materja din li taqa’ fid-diskrezzjoni kompleta taghhha.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, S & D Yachts Company Limited talbet lil dina l-Qorti joghgobha tichad it-talba tal-bastiment konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-bastiment u b’riserva ghad-danni.

Rat il-verbali tat-23 ta’ Ottubru, 2002 fejn id-difensur tal-bastiment rikorrenti talab illi l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza filwaqt li d-difensur tas-socjeta’ intimata oggezzjona ghal dan il-fatt stante (1) li r-rikors promotur sar bil-ligwa Maltija (2) it-trtattazzjoni dwar l-ammissibilita ta’ eccezzzjoni tal-kawza saru bil-Malti u ma kien hemm l-ebda talba biex il-proceduri jkunu bl-ingliz u fl-ahhar lok f’rikorsi ulterjuri maghmulin fir-rigward tal-istess mandat ta’ impediment ta’ partenza ir-rikorrent dejjem uza minghajr ebda riserva l-lingwa Maltija. Stante li f’dan il-kaz ir-rikors

promotorju u r-risposta saru bil-lingwa Maltija u ma kien hemm l-ebda talba originarjament sabiex tintuza l-lingwa ingliza, la darba inbdew dawn il-proceduri l-intimata jitlob li l-istess proceduri jkomplu bil-lingwa Maltija. Il-Qorti wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2 tal-kapitolu 189 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat ir-risposta imressqa mill-kumpanija intimata irriservat li tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti fi stadju ulterjuri tas-smiegh tar-rikors wara li tkun semghet u ddecidiet dwar il-kwistjoni tar-ritwalita procedurali mqanqla mill-istess socjeta intimata; tas-7 ta’ Novembru, 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-provvediment dwar l-eccezzjoni preliminari tal-irritwalita tal-procedura; tal-14 ta’ Novembru, 2002 fejn inghata provvediment u r-rikors thalla ghal provi u ghat-trattazzjoni; tal-10 ta’ Jannar, 2003; tal-24 ta’ Frar, 2003 fejn giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat originali ta’ l-impediment ta’ partenza; tat-3 ta’ April, 2003; tal-15 ta’ Mejju, 2003 u tat-22 ta’ Ottubru, 2003.

Rat illi b’decizzjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta’ Novembru, 2002, il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari li r-rikors huwa irritu u null stante li l-procedura korretta hija permezz ta’ att ta’ citazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 836(9) tal-Kap 12.

Rat l-atti kollha tal-rikors.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Illi fis-seduta ttal-24 ta’ Frar, 2003 xehed **<u>il-Marixxall Frans Fenech</u>** u qal li hu kien ezegwixxa l-mandat ta’ qbid numru 1081/2002 fil-11 ta’ Settembru 2002 u esebixxa kopja tal-mandat bir-riferta fuqu. Spjega li l-mandat propjament ma kienx tieghu pero` kien assista fl-ezekuzzjoni u li l-marixxall li kien inkarigat minnu kien Michael Micallef. Qal li r-riferta kien kitibha hu u kkonferma li huma wara li kienu saru jafu fejn qieghed il-yacht marru u sabu lis-sinjur li gharfu u li ismu deher fuq ir-riferta u effettivament wara li nizzlu numru ta’ affarijiet

fuq il-mandat staqsewh ghac-certifikati tal-yacht, l-originali, u hu qalilhom li qeghdin il-Canada. Semma li qalilhom li jrid icempel lill-avukat kif fil-fatt ghamel, u ghamlu appuntament ma’ Dr Aron Mifsud Bonnici biex jiltaqghu mieghu. Qalilhom ukoll li kellu fotokopji tac-certifikat pero` mhux l-original.

Qal li aktar tard kienu kellmu lil Dr Aron Mifsud Bonnici u dan qalilhom li kien sejjer igibilhom ic-certifikati. Qal li Dr Aron Mifsud Bonnici kien gabilhom ic-certifikati fir-registru biex jarawhom pero` ma kienx jaf jekk kienux l-original jew le. Qal li imbaghad ma jafx aktar x’gara minhabba li l-mandat ma kienx tieghu izda hu kien qed jassisti lil marixxall iehor.

Illi fl-istess seduta xehed **Peter Saluteen Maschensky** fejn ikkonferma li hu l-proprjetarju tal-yacht Pegasus. Ftakar li f’Settembru kienu marru l-Marixxalli tal-Qorti u spjegawlu x’kien qieghed jigri rigward il-Mandat ta’ Qbid, inkluz jekk kellux id-dokumenti originali biex jippruvaw it-titolu. Qal li kien qalilhom li l-procedura fl-Amerika ta’ fuq kienet li ma jkollokx id-dokumenti originali fuq il-yacht izda dawn terfaghhom u li zzomm kopji awtentikati taghhom.

Semma li qalilhom li hu kellu l-kopji u anke l-avukat tieghu Dr Mifsud Bonnici kellu kopji taghhom izda l-originali kien baghathom il-Canada bid-DHL. Semma li qatt ma kienu nfurmawh li kien ikollu bzonn izomm l-originali fuq il-yacht u kien talab lil S&D biex jibghatuhom il-Canada. Qal li l-originali jinsabu l-Canada imma jista’ jirranga biex dawn jintbaghatu lura anke bid-DHL jekk ikun hemm bzonn.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi **l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili** jipprovdi illi:

“Il-qorti tista tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta’ mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f’kull kaz minn dawn li gejjin:

(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit fil-ligi";

Illi z-zmien stabbilit mill-ligi huwa dak indikat f**l-artikolu 867 tal-Kapitolu 12** li jghid testwalment illi:

"Mandat mahrug qabel il-kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni, ma jibqax isehh, jekk ir-rikorrent, fi zmien sitt ijiem **[fit-test ingliz hemm imnizzel il-kliem "within six working days"]** mill-hrug tal-mandat, ma jipprezentax it-talba ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni tieghu. Barra minn dan, ir-rikorrent ikun responsabbli ghad-danni u mghaxijiet:

Izda jekk il-persuna li l-bastiment taghha jew bicca ohra tal-bahar ikunu mizmuma mit-tluq, il-kaptan, persuna ohra li jkollha l-inkarigu tieghu, jew l-agent, taghti, b'nota pprezentata fir-registru il-kunsens taghha ghal zmien itwal, il-mandat jibqa jsehh ghaz-zmien hekk imgedded".

Illi jidher bic-car illi hemm kunflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz fir-rigward tat-terminu moghti mil-ligi sabiex tigi ipprezenta t-talba ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni meta jinhareg dan itr-tip ta' mandat.

Illi **l-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi:

"Hlief kif provdut xort'ohra mill-Parlament, kull ligi ghandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliz u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali".

Illi huwa car ghalhekk illi t-terminu previst mill-ligi ghal prezentata tac-citazzjoni wara l-hrug ta' mandat bhal dak in dizamina huwa ta' sitt ijiem.

Illi mir-risposta tas-socjeta' intimata jirrizulta illi fit-12 ta' Settembru, 2002 inhareg il-mandat ta' impediment tat-tluq numru 1873/02 fuq talba taghha. Jirrizulta ukoll illi fid-19 ta' Settembru, 2002 inhareg il-kontro-mandat relattiv ghal

dan il-mandat, liema kontro-mandat igib in-numru 1922/02.

Illi ghalhekk jirrizulta bic-car illi l-kontro-mandat inhareg wara li kien skada t-terminu ghal prezentata tac-citazzjoni relattiva.

Illi mill-atti jirrizulta illi giet intavolata citazzjoni fil-25 ta' Settembru, 2002 (Cit. Nru. 1081/2002GV) mis-socjeta intimata kontra l-bastiment rikorrent sabiex titutela d-drittijiet vantati minnha.

Illi jirrizulta ghalhekk *ex admissis* illi s-socjeta' intimata ma intavolatx ic-citazzjoni taghha fit-terminu stabbilit mill-ligi.

Illi din il-kwistjoni – li c-citazzjoni relattiva ma tigiex intavolata fit-terminu preskritt mill-ligi – diga giet indirizzata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut** deciza fit-13 ta' Marzu 2001. F'din is-sentenza inghad illi:

"*Ma jidhirx li dan l-aggravju* [cioe' li kien ippropona l-azzjoni anke wara li kien skada t-terminu statutorju] *jista' jigi sostnut fil-ligi. Dan ghaliex id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili taht ezami li jirregolaw il-materja ma jidhrux li jghatu diskrezzjoni wiesgha lill-Qorti biex tindaga dwar ir-raguni ghaliex ir-rikorrent kreditur ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi. Jidher illi taht dan ir-rigward il-legislatur kien rigidu u f**is-subinciz 8(a) tal-artikolu 836** rabat l-imposizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduci l-pretensjoni tieghu kontra d-debitur fiz-zmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raguni li minhabba fiha jkun avvera ruhu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u minghajr il-htiega li jigi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-hsieb li jabbuza mill-process gjudizzjarju. Jidher allura li taht dan is-subinciz l-unika difiza li setghet tkun bhala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jigi stabbilit illi t-terminu statutorju kien gie estiz espressament jew almenu*

*tacitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirrizulta*".

Kompliet tghid l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illi:

"*… hu fatt illi **s-subinciz 8 tal-artikolu 837** jipprovdi illi "Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent" li jhallas penali, li verament hu ndikattiv ta' certa diskrezzjonalita moghtija lill-Qorti. Anke hawn pero' l-ewwel Qorti kienet tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta u kellha biss taghzel li ma timponix tali penali f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Dan proprju ghaliex penali ta' din ix-xorta hi mposta bil-ligi bhala mizura ta' ordni pubbliku biex tassigura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex tassigura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix abbuzat, kif facilment jista' jigi, bil-hsieb li jivvessa lill-allegat debitur. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti gustament dehirlha illi c-cirkostanzi ma kienux tali li setghu jiggustifikaw li hi ma tapplikax ir-rigur tal-ligi fil-konfront tal-appellant.*

Fil-kaz taht ezami c-cirkustanzi kienu tali li la kienet tokkorri xi vjolazzjoni ta' ligi u lanqas ma kienet tirrizulta xi ingustizzja manifesta. Ghall-kuntrarju kollox jindika illi l-appellant kien naqas li jaghmel dak li l-ligi kienet timponi fuqu li jaghmel wara li kien talab u ottjena l-hrug tal-mandati kawtelatorji kontra l-appellat. Illi l-Qorti, in vista ta' dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni hawn fuq riportata u fic-cirkostanzi in dizamina thoss illi dan huwa kaz fejn it-talba tal-bastiment rikorrenti ghandha tintlaqa fil-minimu stabbilit mill-ligi.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tichad it-talba maghmula mill-bastiment rikorrenti permezz tal-verbal datat 23 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab illi l-proceduri isiru bil-lingwa Ingliza u dan stante li d-difensuri tal-partijiet ma ghamlux dak provdut fl-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2 tal-Kapitolu 189 tal-ligijiet ta' Malta oltre li l-Qorti hija sodisfatta illi l-partijiet kollha interessati kienu jafu x'kien qieghed isir fil-proceduri

odjerni u dan peress illi l-proceduri mill-bidu sa l-ahhar taghhom bdew u komplew bil-lingwa Maltija.

Finalment din il-Qorti qeghda tikkundanna lis-socjeta intimata S & D Yachts Company Limited sabiex thallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala penali u dan talli l-istess socjeta' intimata harget att kawtelatorju kontra l-bastiment rikorrenti u ma intavolatx il-kawza relattiva fiz-zmien stabbilit fil-ligi.

Il-Qorti qeghda tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat mir-Registratur tal-Qorti lill-iSpeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti u dan stante li jirrizulta li hemm diskrepanza bejn it-test Malti u dak Ingliz fir-rigward tat-terminu preskritt bil-ligi ghall-ipprezentar tat-talba ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu wara l-hrug tal-mandat ta' impediment tal-partenza ta' bastiment u dan skond ma jirrizulta mill-artikolu 867 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata S & D Yachts Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------